MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2006

Numru. 65/2000

**Il-Pulizija**
**(Spettur illum Supretendent Paul Vassallo)**

**vs**

**Saviour Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 28455(G) akkuzat:

- talli fis-16 ta' Jannar 1996 ghall-habta ta' xi sitta ta' fil-ghaxija (6.00pm) fi Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Ghawdex, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku waqt li kien qed isuq vettura tal-ghamla Land Rover, bin-numru ta'

registrazzjoni R-0989, laqat u xehet ma’ l-art lil Maria Conti minn Victoria, Ghawdex, u kkagunalha griehi ta’ natura gravi skond kif iccertifika it-Tabib Dr Marvic Masini ta’ l-Isptar Generali ta’ Ghawdex, liema feriti gew segwiti mill-mewt.

Rat ir-rinviju ta’ l-Avukat Generali li bih baghat lura l-atti quddiem din il-Qorti sabiex tiddeciedi dawr il-htija o meno ta’ l-imputat;

Semghet lill-imputat jiddikjara li hu ma kellux oggezzjoni sabiex il-kawza tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet u ezaminat ix-xhieda kollha nkluz l-imputat bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha:

Ikkunsidrat:

L-Artikolu tal-ligi li jghodd ghall-kaz u li jinsab citat fin-nota tar-rinviju ta’ l-Avukat Generali hu l-Artikolu 225 tal-Kap 9 li jipprovdi:

“ Kull min, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, jikkaguna l-mewt ta’ xi hadd, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta’ prigunerija ghal zmien mhux izjed minn erba’ snin jew multa mhux izjed minn hamest elef lira”.

Il-kaz in dizamina jittratta proprju mewt konsegwenza ta’ incident stradali li gara fis-16 ta’ Jannar 1996, kif ahjar isemmi t-tahrika, u f’liema incident, il-vittma, mara anzjana ta’ 75 sena, mietet kagun tal-griehi sofferti. L-imputat qieghed jigi akkuzat bil-mewt taghha stante li kien il-persuna li dak il-hin tas-sinistru kien qieghed isuq il-vettura nvoluta fl-istess incident, ossija l-Land Rover numru ta’ registrazzjoni R-0989.

Mill-provi akkwiziti, li huma pjuttost skarni dwar id-dinamika ta’ l-incident, jirrizultaw bhala fatti pruvati, illi l-

imputat kien qieghed isuq il-vettura fi Triq Fortunato Mizzi, arterja principali gewwa r-Rabat, Victoria, u s-sinistrata kienet dak il-hin qed taqsam it-triq minn faccata tad-dar taghha biex tmur tisma' quddies ic-Centru ta' Kana fuq n-naha opposta. Jigifieri, l-imputat kien qieghed isuq fuq il-karregjata tax-xellug minn fejn kien niezel u s-sinistrata qasmet minn dik l-istess naha. Mill-iskizz (tnejn) li jinsabu esebiti in atti mmaturat il-fehma f'din il-Qorti li s-sinistrata qasmet direttament quddiem l-imputat u giet milquta mill-quddiem xellugi tal-vettura u bl-impatt hi spiccat bil-femur xellugi miksur. Huwa indikattiv f'dan il-kuntest iz-zarbuna li tinsab immarkata fuq iz-zewg skizz esebiti. Issa m'hemmx dubbju li l-velocita' ta' l-imputat kienet wahda ferm entro l-limiti konsentiti. Fic-cirkostanzi tal-kaz pero' is-sewqan tieghu kien negligenti kif d'altronde' kien wkoll negligenti l-operat tas-sinistrata fil-mod li qasmet. L-imputat kien negligenti ghas-semplici fatt li ma zammx 'a proper look out' u ma ntebahx b'dak li vizibilment huwa kien fid-dover li josserva. Ix-xhieda tieghu fuq dan il-punt hija esawrjentement indikattiva ta' dan in-nuqqas tieghu. Ghalhekk bl-attenwanti generici tal-kaz huwa ghandu jinstab hati ta' l-akkuza riportata kontra tieghu. Huwa ferm inverosimili dak li stqarr l-imputat, u li din il-Qorti xejn ma ssib kredibbli, li s-sinistrata harget 'tigri'.

Ghaldaqstant taqta' u tiddeciedi l-kawza billi ssib l-imputat hati ta' l-akkuza dedotta kontra tieghu u wara li rat l-Artikolu 225 tal-Kap 9 tikkundannah multa ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) konvertibbli fi tliet xhur prigunerija fin-nuqqas ta' hlas zmien mhux aktar tard minn xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------